# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.**

**Illum, il-Hamis 28 ta' Gunju, 2001.**

**Kawza Nru. 25.**
**Citazz. Nru. 1962/00 JRM**

**Roland SCHAFFRATH**

**vs**

**www. TRAVEL TV p.l.c.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fil-25 ta' Settembru, 2000, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta b'kuntratt ghal zmien definit li sar fl-24 ta' Settembru 1999 u kellu jsehh ghal tliet snin mill-1 ta' Novembru 1999 (Dok. A);

Illi dan il-kuntratt ta' impjieg kien emendat (kwantu ghal sighat ta' xoghol, salarju u kondizzjonijiet ta' impjieg) b'kuntratt iehor tal-31 ta' Mejju 2000 b'sehh mill-1 ta' Gunju 2000 ( Dok. B):

Illi, ghalkemm il-kuntratt kien jorbot ghal tliet snin mill-1 ta' Novembru, 1999, is-socjeta' konvenuta b'ittra tat-2 t'Awissu 2000 (Dok D temmet l-imjieg ta' l-attur minghajr raguni valida ;

Illi skond art. 34(11) tal-Kap. 135 (l-Attur li jirregola l-kondizzjonijiet ta' l-Impjieg) is-socjeta' konvenuta ghandha thallas lill-attur nofs il paga kollha li kienet tkun tmiss lilu dwar il-bqija taz-zmien ta' l-impjieg tieghu espressament miftiehem fil-kuntratt ta' l-impieg tal- 24 ta' Settembru, 1999;

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha taghti lill-konvenut nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lilu bejn it-3 t'Awissu 2000 sal-1 ta' Ottubru, 2002, i.e. sebgha u ghoxrin xahar neqsin jumejn;

Illi s-socjeta' konvenuta ghandha wkoll taghti lill-attur hlas ta' hmistax-il siegha u nofs xoghol *overtime* li hadem l-attur qabel it-tkeccija tieghu mill-impjieg, bla ma thallas ghalihom skond il-paragrafu 4.2 tal-kuntratt ta' l-impjieg, kif emendat fil-31 ta' Mejju 2000;

Illi s-socjeta' konvenuta, ghalkemm imsejha b'ittra ufficjali tal-21 t'Awissu 2000 biex taghmel dawn il-hlasijiet dovuti lill-attur, baqghet ma hallsitx;

Ghalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tillikwida l-hlas dovut lill-attur u li jikkonsisti (a) f'nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lilu bejn it-3 t'Awissu 2000

sal-31 t'Ottubru 2002 u (b) fil-hlas ta' hmistax-il siegha u nofs xoghol *overtime*;

2 Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma likwidata skond l-ewwel talba; u

3 Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta taghti lill-attur certifikat nadif ta' l-impjieg tieghu skond l-art. 37 tal-Kap. 135;

Bl-imghax mill-21 t'Awissu 2000 u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 t'Awissu 2000 u l-ispejjez legali tal-konsult, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma mharrkin biex jidhru ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien mal-hames (5) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat li l-kumpannija mharrka, notifikata kif imiss fid-19 t'Ottubru, 2000 [pagni 21 u 22 tal process] b'kopja tal-Att tac-Citazzjoni u tal-Avviz tas-Smigh ressqet Nota tal-Eccezzjonijiet fis-17 ta' Novembru, 2000;

Rat ir-Rikors tal-attur tat-30 ta' Novembru, 2000, [pagna 27] li bih talab li l-imsemmija Nota tal-Eccezzjonijiet tigi mnehhija mill-atti tal-kawza ghax imressqa wara z-zmien moghti mil-ligi;

Rat id-Degriet taghha tat-30 ta' Novembru, 2000, li bih ordnat it-tnehhija mill-atti tal-kawa tan-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-kumpannija mharrka;

Rat ir-Rikors tal-kumpannija mharrka tal-14 ta' Dicembru, 2000 [pagna 30] u d-dokument mehmuz mieghu;

Rat id-Degriet taghha tat-18 ta' Dicembru, 2000;

Rat it-Twegiba tal-attur tat-12 ta' Jannar, 2001 [pagni 54 u 55] u z-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat id-Degriet taghha tas-26 ta' Jannar, 2001, li bih cahdet it-talba tal-kumpannija mharrka;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavit bix-xhieda tal-attur imressaq, b'sitt (6) dokumenti mehmuzin mieghu, fit-23 ta' Jannar, 2001 [pagni 61 sa 76];

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija mharrka fl-14 ta' Frar, 2001 [pagni 77 sa 98] li bihom irritornat l-Att tac-Citazzjoni, l-Avviz tas-Smigh u n-Nota bl-Affidavit tal-attur u d-dokumenti mehmuza mieghu;

Semghet ix-xhieda tal-attur u dik tax-xiehda tieghu;

Rat in-Nota tal-attur imressqa fit-30 ta' Marzu, 2001 [pagni 108 sa 110] bl-Affidavit ta' Alison Sammut u tliet (3) dokumenti mehmuzin maghha *animo ritirandi*;

Rat ir-Rikors tal-attur tat-30 ta' Marzu, 2001 [pagna 111];

Rat id-Degriet taghha tat-2 t'April, 2001 [pagna 112] li bih, fost l-ohrajn, tat lill-kumpannija rikorrenti tliet (3) gimghat zmien biex taghmel is-sottomissjonijiet miktuba li jidhrilha li ghandha taghmel dwar il-kaz;

Rat in-Nota tat-23 t'April, 2001, imressqa mill-kumpannija mharrka li biha raddet lura l-kopja tar-Rikors tal-attur u tad-Degriet tat-2 t'April, 2001 [pagna 114];

Rat ir-Rikors tal-kumpannija mharrka tat-2 ta' Mejju, 2001 [pagna 117] li bih talbet li tidhol fil-kawza *in statu et terminis;*

Rat id-Degriet taghha tal-14 ta' Mejju, 2001 [pagna 118];

Rat it-Twegiba tal-attur imressqa fil-21 ta' Mejju, 2001 [pagna 121-2];

Rat id-Degriet taghha tat-22 ta' Mejju, 2001 [pagna 119] li bih cahdet it-talba tar-rikorrenti biex tintervjeni fil-kawza;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-attur imressqa fit-22 ta' Mejju, 2001 [pagni 124 sa 125];

Rat id-Degriet taghha tat-22 ta' Mejju, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi b'din il-kawza, l-attur qieghed jitlob li l-kumpannija li kienet thaddmu b'kuntratt ghal zmien li jaghlaq, tigi kundannata thallsu kumpens talli temmitlu l-impieg tieghu maghha qabel il-waqt u bla misthoqq jew ghal raguni tajba;

Illi, kif intwera aktar 'il fuq, il-kumpannija ressqet in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha wara z-zmien moghti lilha bil-ligi, u fuq talba tal-attur, li ma gietx kontestata, in-Nota taghha tnehhiet mill-atti tal-kawza;

Illi minflok ma l-kumpannija mharrka ghamlet tentativ li tiggustifika l-kontumacja taghha ghazlet li tiehu l-linja li, kif imharrka, ma kinitx hi li qeghda tigi mfittxija izda kumpannija "li ma tesistix". Saru diversi tentativi biex dan il-punt jigi accettat mill-Qorti, fosthom billi tresqet kopja tal-Memorandum u tal-Istatut tal-Assocjazzjoni taghha;

Illi l-oggezzjoni ewlenija mressqa mill-kumpannija mharrka kienet tikkonsisti fil-fatt li, wara l-kliem "www" tqeghdet punteggatura (".") li ma tirrisultax fl-isem muri fid-dokumenti registrati mal-awtoritajiet kompetenti, u wkoll li ntuzat il-kelma "p.l.c." minflok il-kliem shah *"public limited company"*;

Illi l-Qorti ma setghetx tqis dawn l-oggezzjonijiet bhala siewja u misthoqqa ghaliex, fl-ewwel lok, tressqu ghadd ta' dokumenti li originaw minghand il-kumpannija mharrka (fosthom il-kuntratt tal-impieg tal-attur) li juru isimha sewwasew kif inhija mharrka. Minbarra dan, fid-dawl ta' dak li jipprovdu d-disposizzjonijiet tas-subartikoli (1), (4) (a) u (6) (a) tal-artikolu 70 tal-Kap 386, ma jidhirx li kien ikun xieraq u skond il-ligi li tilqa' l-argument tal-kumpannija mharrka u mbaghad, per ezempju, thalliha tintervjeni *in statu et terminis* fil-kawza fejn, skond hi, il-konvenut ma jesistix;

Illi, min-naha tieghu, l-attur baqa' jishaq li, kif imharrka, l-kumpannija konvenuta kienet imharrka sewwa;

Illi, biex ittenni l-linja li ghazlet li tiehu, l-kumpannija mharrka regghet ressqet lura b'Nota kull att li giet notifikata bih;

Illi, minbarra dan, il-kumpannija mharrka ghazlet ukoll li ma tressaq l-ebda sottomissjoni dwar il-kaz minkejja li nghatat il-fakolta' li taghmel dan skond il-ligi;

Illi ghalhekk, wiehed irid jghaddi biex jifli t-talbiet tal-attur u jqis jekk gewx pruvati jew le;

Illi l-fatti juru li l-attur inghata kuntratt ta' mpieg fl-24 ta' Settembru, 1999, ghal zmien ta' tliet (3) snin b'effett mill-ewwel (1) ta' Novembru, ta' dik l-istess sena. Fil-wiehed u tletin (31) ta' Mejju, 2000, l-imsemmi kuntratt gie mibdul f' bicca minnu, billi nbidlu l-klawsoli 4.2 u 7.3 tal-ftehim originali. Mill-bqija, kollox thalla l-istess;

Illi l-kuntratt tas-servizz tal-attur jistabilixxi, fost l-ohrajn, il-hlas li jinghata lill-attur ghax-xoghol tieghu (Klawsola 7.1), il-mod ta' kif jintemm l-impieg (Klawsola 9), l-effetti tat-temm tal-impieg (Klawsola 10) u l-obbligi ewlenin tal-impjegat (Klawsola 6). Jinghad fil-ftehim li l-kuntratt ta' mpieg ghandu jitqies u jinftiehem skond il-ligi ta' Malta (Klawsola 15.2);

Illi l-attur jghid li t-tkeccija tieghu mill-impieg ma saritx ghal raguni tajba fil-ligi. Izid jghid li tkecca fi zmien meta l-kumpannija kienet ghadha kemm taghtu zieda (*Performance Bonus*, kif stabilit fil-klawsola 7.1) minhabba li lahaq livell superjuri ta' xoghol. Il-kumpannija temmet l-impieg tieghu fit-2 t' Awissu, 2000, [Dok "D" f' pagna 17] u raguni moghtija kienet il-ksur min-naha tieghu tal-klawsola 6.1 tal-ftehim, li titkellem fuq l-ghoti tal-hila kolla tal-impjegat lejn il-kumpannija u t-twettiq lejali fil-hidma tieghu ghall-kumpannija;

Illi l-attur mill-ewwel ikkontesta din ir-raguni bhala wahda valida, u dan minkejja li ma nghatax l-opportunita' li jxejjen ix-xilja mressqa kontrih. Fil-fatt jidher li t-tkeccija mill-impieg kienet wahda immedjata;

Illi l-attur ressaq xhieda kemm bil-fomm u kif ukoll b' dokumenti, li turi li l-bidla fl-atteggament min-naha tal-principal tieghu kienet marbuta ma' caqliq strutturali u bidla fit-tmexxija fi hdan il-kumpannija. Dan jidher mid-Dokument 1 (pagni 69 sa 71) imressaq mill-attur mal-Affidavit tieghu. F'dan ix-xenarju l-gdid, l-attur kien qieghed jinghata trattament minn uhud mid-dirigenti li kien qieghed iwasslu ghal konflitti ma' ufficjali ohrajn tal-kumpannija;

Illi, minkejja dan, l-attur baqa' jaghti s-sehem tieghu ukoll meta bdew jigru xnihat li l-kumpannija kienet se twettaq bidliet strategici u strutturali radikali fil-hidma taghha;

Illi l-mod kif intemm l-impieg tal-attur ukoll jaghti x'jifhem li dan kien sommarju u minghajr ma' l-impjegat inghata l-icken jedd li jressaq il-kaz tieghu biex iwarrab jew jikkontesta x-xilja li saritlu (u li kienet ghal kollox generika), kif huwa normalment mistenni u stabilit fid-Dritt Industrijali f'kazijiet ta' tkeccija mill-impieg;

Illi l-Qorti, wara li rat id-dokumenti u d-deposizzjonijiet tax-xhieda, qeghda ssib li l-attur sehhlu juri ghas-sudisfazzjon taghha

li t-tkeccija tieghu mill-impieg ma kinitx maghmula ghal raguni gusta u sufficjenti min-naha ta' minn min kien ihaddmu;

Illi l-ligi tistabilixxi li meta l-principal jibghat 'il barra mix-xoghol impjegat qabel ma jkun ghalaq iz-zmien, il-principal ikun fid-dmir li jhallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li l-impjegat kien ikun imissu jithallas fil-bqija taz-zmien miftiehem [art 34 (11) tal-Kap 135];

Illi dan l-obbligu dejjem tqies u tfisser li jorbot lill-imghallem fil-kaz li t-temm tal-impieg min-naha tieghu ma jsirx ghal raguni tajba u bizzejjed, l-impjegat ma jkollu jedd ghall-ebda hlas bhal dak [art 34 (14) tal-Kap 135];

Illi l-ftehim tal-impieg tal-attur jghid (Klawsola 10.3) kemm ikun il-hlas dovut lill-impjegat f' kaz li l-kumpannija ttemm l-impieg tieghu qabel il-waqt, u tikkwantifika dan il-hlas f' somma li tkun daqs sitt (6) xhur salarju tal-impjegat. Illi, madanakollu, ladarba l-kuntratt tal-impieg innifsu jghid li dan kellu jkun imhares skond il-ligijiet ta' Malta, dik il-klawsola tista' titqies li tikkostitwixxi kundizzjoni anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fi jew taht l-Att li jhares il-kundizzjonijiet tal-impieg tieghu [art 38 tal-Kap 135];

Illi, fil-kaz partikolari, meta l-attur tkecca mill-impieg, kien ghad fadallu izjed minn sitt (6) xhur miz-zmien miftiehem tal-impieg tieghu, u ghalhekk, skond l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi, ghandu jipprevali dak li jipprovdi l-artikolu 34 (11) u mhux il-Klawsola 10.3 tal-ftehim;

Illi l-ligi titkellem dwar "paga kollha" li ghandha tithallas lill-impjegat imkecci. It-tifsira tal-kelma "paga" fl-artikolu 2 tal-Kap 135 m'hijiex esklussiva imma inklusiva, u ma hijiex limitata biss ghal dak id-dhul basiku li l-impjegat ikollu, izda tinkludi wkoll kull *bonus* li jkun jisthoqqlu jircievi skond il-kundizzjonijiet espressi tal-ftehim tal-impieg tieghu jew li huwa pagabbli bis-sahha tal-ligi;

Illi jrid jinghad ukoll li billi l-artikolu 34 (11) jaghmel parti minn ligi specjali, u minhabba li s-sanzjoni msemmija fih hija wahda “puntiva” ghall-imghallem, it-tifsira ta’ dak l-artikolu ghandha tkun taqbel mal-ispirtu tal-ligi specjali u m’ghandhiex tkun usa’ minn dawk it-termini jew issir b’ analogija ma’ ligi ohra jew ma’ kuncett generali;

Illi l-ftehim tal-impieg tal-attur (Klawsola 7.1) jitkellem dwar is-salarju basiku, *performance related bonus*, *commission* ta’ tnejn u nofs fil-mija (2.5%) fuq il-volum ta’ bejgh dirett imwettaq mill-impjegat, *commission* ohra ta’ nofs fil-mija (0.5%) fuq il-qligh gross tad-Dipartiment tieghu fuq it-*turnover* u l-hlas ghall-beneficcju tieghu ta’ polizza ta’ assikurazzjoni ghall-kura barra minn Malta;

Illi, kif diga’ ntwera, l-attur kien inghata l-*performance related bonus* fl-ghola livell taghha (jigifieri Lm350) sewwasew ghas-sitt (6) xhur qabel tkecca mill-impieg. Illi jrid jinghad, madankollu, li l-hlas ta’ dak il-*bonus* kien jiddependi minn kif l-impjegat jitqies li jkun wettaq xoghlu matul perjodi ta’ sitt (6) xhur kull wiehed: ghalhekk, ma jfissirx li l-fatt li l-impjegat lahaq l-oghla livell li jaghmlu eligibbli ghall-bonus f’perjodu wiehed, ifisser tabilfors li kien se’ jkun jisthoqqlu l-hlas tal-istess livell ta’ bonus jew imqar hlas ta’ bonus ta’ livell ibghax fi zminijiet wara;

Illi, fil-prospett tieghu dwar il-hlas li jippretendi minhabba t-tkeccija tieghu [Dok “E” pagni 18 u 19 ], l-attur jindika seba’ (7) kapi li tahthom huwa qieghed jitlob hlas, izda li tlieta (3) minnhom m’humiex likwidati;

Illi, fil-fatt, l-attur ma ressaq l-ebda prova biex jaghti mqar hjiel ghal-likwidazzjoni ta’ dawk il-partijiet msemmija fil-paragrafi B u C tal-imsemmi prospett. Huwa illimita ruhu biss biex, fin-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali tieghu, jappella lill-Qorti tillikwida somma taht kull kap *arbitrio boni viri;*

Illi l-Qorti trid taghmilha cara li f’kull kawza, l-attur irid jipprova l-kaz tieghu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-ligi tal-procedura u skond il-haqq. Attur ma jistax inehhi minn

fuqu dan l-obbligu billi jappella ghas-sens ta' hniena jew dehen arbitrali tal-gudikant minghajr ma jaghti hjiel ta' prova ta' dak li jitlob. Dan japplika izjed u izjed f'dan il-kaz fejn l-imharrek huwa kontumaci, u l-Qorti jaqa' fuqha d-dmir li tgharbel b'izjed reqqa l-provi mressqa quddiemha mill-attur. Il-Qorti ma tistax tintalab taghmel xoghol l-attur;

Illi, minbarra dan, mis-sottomissjonijiet tal-attur innifsu dwar il-qaghda finanzjarja tal-kumpannija, din il-Qorti ssib li l-likwidazzjoni ta' *commission* u ta' *overriding commission* pretizi mill-attur, bla ebda basi ta' l-volum ta' bejgh li lahaq iggenera u ta' qligh jew *turnover* fid-Dipartiment tieghu, tista' mhux biss tkun arbitrarja u ingusta, imma sahansitra fiergha;

Illi, mbaghad, dwar il-partita relattiva ghall-hlas ta' premium ghall-assikurazzjoni, l-attur innifsu jghid (fl-affidavit tieghu) li l-kumpannija mharrka kienet hassret il-polizza fil-konfront tieghu u kellu johrog *cover* gdida ghalih innifsu;

Illi dwar it-talba ghal-likwidazzjoni u l-hlas lill-attur ta' sahra mhix imhallsa, l-Qorti ssib li din hija ma tidhirx misthoqqa, ghaliex fil-klawsola 7.1 tal-paga, l-ammont ta' Lm2,000 diga' jaghmel tajjeb ghal din l-eventwalita';

Illi l-Qorti tqis ukoll li, kif inhija mfassla l-azzjoni attrici, din mhix kawza ta' dikjarazzjoni u likwidazzjoni ta' dannu mgarrab, imma kif inghad, azzjoni taht disposizzjoni specifika ta' ligi specjali;

Illi dwar il-partita li titkellem dwar il-paga basika, irid jinghad li l-ammont imsemmi huwa wiehed gross, li jinkludi fih kull ammont ta' taxxa li tista' tkun dovuta mill-attur u wkoll xi tnaqqis iehor li jista' jkun hemm ghal kontribuzzjonijiet ohrajn statutorji li jistghu jkunu dovuti;

Illi, ghalhekk, wara li qieset sewwa x'inhija t-talba tal-attur u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tillikwida t-talba tal-attur fis-somma ta' ghaxart elef mitejn u sitta u ghoxrin lira maltin u sittin centesmu (Lm10,226.60);

*21 ta' Gunju, 2001.*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza fil-kontumacja tal-kumpannija mharrka, billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** u tillikwida s-sehem tal-attur mill-paga li kien imiss lilu bejn il-jum tat-tkeccija tieghu mill-impieg sal-ahhar jum miftiehem tal-kuntratt fis-somma ta' ghaxart elef mitejn u sitta u ghoxrin lira maltin u sittin centesmu (Lm10,226.60);

**Tilqa' t-tieni talba** u tikkundanna lill-kumpannija mharrka thallas lill-attur is-somma ta' Lm10,226.60 hekk likwidata skond l-artikolu 34(11) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tielet talba** u, a tenur tal-artikolu 37 tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-kumpannija mharrka sabiex, fi zmien gimghatejn millum, tohrog certifikat nadif ta' servizz dwar l-attur; u

Tikkundanna lill-kumpannija mharrka thallas l-ispejjez kollha tal-kawza, flimkien mal-imghaxijiet relattivi b'effett mil-lum (data tal-likwidazzjoni tas-somma pretiza mill-attur) sal-jum tal-hlas effettiv.

## Moqrija

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2001.**

*21 ta' Gunju, 2001.*

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Gunju, 2001.**